



Koen Lenaerts elett bħala Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja

Wara s-sostituzzjoni parzjali tal-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja ¹, Koen Lenaerts, Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja sa mis-7 ta' Ottubru 2003, ġie elett bħala Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-perijodu bejn id-9 ta' Ottubru 2012 u s-6 ta' Ottubru 2015.

Il-funzjoni ta' Viċi President ġiet introdotta permezz tal-emendi reċenti għall-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Il-kompitu tal-Viċi President huwa li jassisti lill-President fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu u li jissostitwixxi fil-każ ta' impediment ta' dan tal-aħħar jew fil-każ li l-presidenza tkun vakanti. Koen Lenaerts ser ikun l-ewwel Imħallef li ser jaqdi l-funzjonijiet ta' Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja.

L-Artikolu 9a tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jipprovdi li: "L-Imħallfin għandhom jaħtru minn fosthom għal perjodu ta' tliet snin il-President u l-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja".

Curriculum Vitae ta' Koen Lenaerts

Imwieled fl-1945; liċ.iuris, Ph.D. fid-dritt (Katholieke Universiteit Leuven); Master of Laws, Master in Public Administration (Harvard University); professur fil-Katholieke Universiteit Leuven; visiting professor fl-universitajiet ta' Burundi, ta' Strasburg u fil-Harvard University; professur fil-Collège d'Europe ta' Bruges; référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja; avukat fil-Qorti ta' Brussel; Imħallef tal-Qorti tal-Prim'Istanza mill-25 ta' Settembru 1989 sas-6 ta' Ottubru 2003; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2003; Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja mid-9 ta' Ottubru 2012.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355

¹ Ara l-Istqarrija għall-Istampa [Nru 126](#) tat-8 ta' Ottubru 2012.